

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fid-  
9 ta' Lulju 2018 – AGROBET CZ, s.r.o. vs Finanční úřad pro Středočeský kraj**

**(Kawża C-446/18)**

(2018/C 328/36)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: AGROBET CZ, s.r.o.

Konvenuta: Finanční úřad pro Středočeský kraj

**Domanda preliminari**

- 1) Miżura ta' Stat Membru li tissuġġetta l-istabbiliment u l-ħlas ta' parti mit-tnaqqis tal-VAT mitlub għat-terminazzjoni tal-proċedimenti li jirrigwardaw is-servizzi taxxabbli kollha matul perijodu taxxabbli determinat hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' newtralità tal-VAT?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) fid-  
9 ta' Lulju 2018 – UB vs Generálny riaditeľ Sociálnej poisťovne Bratislava**

**(Kawża C-447/18)**

(2018/C 328/37)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

**Qorti tar-rinviju**

Najvyšší súd Slovenskej republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: UB

Konvenuta: Generálny riaditeľ Sociálnej poisťovne Bratislava

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 1(w) u l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament<sup>(1)</sup> (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, moqrija flimkien mad-dritt għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għal vantaġġi soċjali stipulat fl-Artikolu 34(1) u (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu interpretati, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, fis-sens li dawn jipprekludu l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali li ttiprovdi li l-istituzzjoni Slovakka tas-sigurtà soċjali għandha tqis li l-kundizzjoni fundamentali li tagħti d-dritt għas-suppliment ta' pensjoni lir-rappreżentanti sportivi hija n-nazzjonalità tal-applikant, anki jekk kundizzjoni legali oħra, jiġifieri [l-fatt li jkun għamli parti mit-tim] nazzjonali tal-predeċessuri fid-dritt [tar-Repubblika Slovakka], inkluża r-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka, tkun ukoll element tal-leġiżlazzjoni nazzjonali?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.